# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## MAĠISTRAT
## DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.

**Rikors Numru: 129/2023 RM**

**Josef Vella**

**-Vs-**

**Caroline Muscat**

**Illum, 10 ta' Mejju 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Josef Vella, ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti fid-19 ta' Mejju 2023 fejn wara li għamel diversi premessi talab li l-intimata Caroline Muscat:-

*"1) Tkun iddikjarata bħala l-persuna responsabbli tal-pubblikazzjonijiet ippubblikati fuq is-sit 'theshiftnews.com' fil-vesti tiegħek bħala editur tas-sit 'theshiftnew.com' u 2) tkun iddikjarata illi nqast milli tottempora ruħek mal-provvedimenti tal-Artikolu 15 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, Kapitolu 579 tal-Liġijiet ta' Malta meta rrifjutat it-talbiet tar-Rikorrent li tippubblika u xxandat stqarrija bi dritt ta' risposta mibgħuta*

*mir-Rikorrent lilek in konnessioni mal-publikazzjoni li għada sal-lum u ilha min nhar il-Ħadd it-30 ta' April tas-sena 2023 tidher fuq is-sit 'theshiftnews.com' bit-titlu "Union leader appointed director of government company sees no conflict of interest", 3) tiġi ordnata tippubblika l-istqarrija tar-Rikorrent bid-dritt ta' risposta in konnessioni mal-publikazzjoni li għada sal-lum u ilha min nhar il-Ħadd it-30 ta' April tas-sena 2023 tidher fuq is-sit 'theshiftnews.com' bit-titolu "Union leader appointed director of government company sees no conflict of interest" u 4) tiġi kkundannata tħallas lir-Rikorrent dik il-penali li tiġi stabbilita mill-Qorti skont l-Artikolu 15 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, Kapitolu 579 tal-Liġijiet ta' Malta.*
*Bl-ispejjez kontra tiegħek"*

Rat ir-Risposta tal-intimata Caroline Muscat ippreżenta fit-12 ta' Ġunju 2023 fejn għar-raġunijiet mogħtija, ġie sottomess *inter alia*, li t-talbiet fir-Rikors m'għandhomx jintlaqgħu għaliex m'humiex ibbażati fuq applikazzjoni tajba tal-artikolu 15 tal-Kap. 579 ġie sottomess għar-raġunijiet kollha indikati fir-Risposta, illi t-talbiet tar-rikorrent ma għandhomx jintlaqgħu peress illi mhumiex ibbażati fuq applikazzjoni tajba tal-Artikolu 15 tal-Kap. 579, u mingħajr preġudizzju u għall-kompletezza, anke jekk għall-grazzja tal-argoment il-Qorti tagħti raġun lir-rikorrent, tenut kont tal-fatt illi l-istess rikorrent qed jilmenta minn artikolu li fattwalment hu għal kollox korrett, għandha teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u ma tordnax ħlas ta' penali, kif ukoll jekk jidher xieraq, timmitiga jew tikkanċella l-ispejjeż.

Rat id-digriet tagħha mogħti fl-24 ta' Mejju 2023 li permezz tiegħu ordnat lir-rikorrent sabiex jipproduċi b'nota kopja tal-artikolu msemmi fir-rikors kif ukoll kopja tad-dikjarazzjoni ossia stqarrija bi dritt tar-risposta mibgħuta lill-intimata, u appuntat ir-Rikors għas-smigħ għat-12 ta' Ġunju 2023;

Semghet ix-xhieda ta' Keith Caruana u tar-rikorrent Josef Vella fl-udjenza tat-12 ta' Ġunju 2023;

Semgħet lill-abbli avukati tal-partijiet jiddikjaraw fl-istess seduta tat-12 ta' Ġunju 2023 li m'għandhomx iktar provi xi jressqu;

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli avukati tal-partijiet fis-seduta tas-26 ta' Ġunju 2023;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat illi r-Rikors ġie mħolli għal-lum biex jiġi deċiż finalment;

Ikkunsidrat;

L-azzjoni odjerna hija msejsa fuq l-artikolu 15 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579) li jipprovdi ghal dritt għal risposta lil min jallega, *inter alia,* li l-azzjonijiet jew l-intenzjonijiet tieghu jkunu ġew misrappreżentati permezz ta' xi pubblikazzjoni, liema dritt jesiġi illi għandha tiġi minnufih ippubblikata, mingħajr ħlas, fl-istess *medium* illi fiha tkun saret il-pubblikazzjoni lamentata, dikjarazzjoni tal-persuna in linea ta' kontradizzjoni jew spjegazzjoni. L-artikolu in diżamina jistipola hekk:-

**15**(1) *Kull persuna li l-azzjonijiet jew l-intenzjonijiet tagħha jkunu ġew miżrappreżentati jew li kienet vittma ta' malafama jew li invadewlha l-ħajja privata tagħha permezz ta' pubblikazzjoni, hija intitolata li titlob sabiex tiġi minnufih ippubblikata, mingħajr ħlas, fl-*istess medium, *dikjarazzjoni ta' kontradizzjoni jew spjegazzjoni:*

…

*Iżda wkoll ebda persuna m'għandha tkun mitluba li tippubblika dikjarazzjoni bħala kontradizzjoni jew spjegazzjoni li hi malafamanti jew li mhijiex miktuba bil-lingwa tar-responsabbli għall-pubblikazzjoni jew b'xi waħda mil-lingwi użati mill-*medium *tax-xandir jew tas-sit elettroniku fejn hija mitluba li għandha tkun ippubblikata:*

*Iżda aktar minn hekk id-dritt ta' risposta għandu jkun ristrett għall-korrezzjoni jew kontradizzjoni u, jew spjegazzjoni tal-fatti u m'għandux jestendi għas-sottomissjoni ta' opinjoni differenti.*

Il-paragrafu (f) tas-subartikolu 2 tal-istess artikolu 15 tal-Att, jipprovdi wkoll illi editur jew persuna responsabbli għall-medium tax-xandir jew operatur ta' sit elettroniku responsabbli għall-pubblikazzjoni tar-risposta fuq sit elettroniku li jonqos milli josserva d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, jista' jiġi kkundannat fi proċediment bħal dan, iħallas penali lill-attur li ma teċċedix elfejn euro (€2,000).

Ir-rikorrent Josef Vella qiegħed a tenur tal-imsemmi artikolu 15 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama ('l-Att'), jitlob illi l-intimata Caroline Muscat tiġi ordnata tippubblika l-istqarrija mibgħut lilha in linea ta' dritt għar-risposta għall-pubblikazzjoni fit-30 ta' April 2023 ta' artikolu intestat « *Union leader appointed director or government company sees no conflict of interest* » fuq is-sit elettroniku theshiftnews.com.

L-intimata ma tikkontestax il-fatt illi hija tassew l-operatur tas-sit elettroniku theshiftnews.com għall-fini ta' dan il-proċediment iżda topponi t-talba tar-rikorrent.

Il-Qorti rat l-atti u l-provi. L-artikolu pubblikat minn The Shift News fit-30 ta' April 2023 jittratta in sostanza, allegat kunflitt ta' interess da parti tar-rikorrent minħabba l-fatt illi fil-waqt li jokkupa r-rwol ta' Chief Executive Office tal-Union Ħaddiema Magħqudin (UĦM), it-tieni l-ikbar trade union f'Malta, huwa aċċetta li jservi wkoll bħala direttur fuq il-bord tad-diretturi tal-kumpannija Malta Air Travel Company Ltd., kumpannija tal-Gvern Malti, għal liema rwol huwa jirċievi l-ħlas ta' onorarju. L-artikolu, miktub minn 'The Shift Team', jikkritika dan ir-rwol doppju bħala wieħed li joħloq xeħta ta' kunflitt ta' interess u jassimila s-sitwazzjoni tar-rikorrent ma' dik ta' Victor Carachi, il-President tal-General Workers Union li minkejja li jirrappreżenta l-ħaddiema membri tal-GWU anke f'disputi kontra l-Gvern, jirċievi simultanjment rimunerazzjoni ta' għexieren ta' eluf ta' euro mill-istess Gvern Malti.

L-artikolu in diżamina jirrapporta wkoll testwalment, il-biċċa l-kbira mir-risposti provduti mir-rikorrent innifsu[1] lil The Shift News bi tweġiba għal sett ta' mistoqsijiet[2], li kien ġie mitlub li jwieġeb preventivament ghall-pubblikazzjoni tal-artikolu tat-30 ta' April 2023 dwar ir-rwol tiegħu ta' direttur fuq il-bord tad-diretturi tal-kumpannija Malta Air Travel Company Ltd u dwar il-fatt li huwa jokkupa dan ir-rwol meta fl-istess waqt huwa wkoll ic-Chief Executive Officer tal-Unjon Ħaddiema Magħqudin (UĦM).

Illi skont kif jirriżulta minn Dokument 2 annessa man-nota ppreżentata mir-rikorrent fit-8 ta' Ġunju 2023 in ottemperanza mad-digriet tal-24 ta' Mejju 2023, ir-rikorrent ħassu aggravat b'żewġ stqarrijiet speċifiċi li saru fl-artikolu tat-30 ta' April 2023, ċioe' :

« *Heads of both of the country's largest trade unions are on the government's payroll* »

u

« *Vella now joins the General Workers' Union President Victor Carachi, who has been earning tens of thousands of euros from the government retainers since Labour's return to power in 2013.* »

Illi permezz ta' email (Dokument JV6) mibgħut mill-avukat tar-rikorrent lill-avukat tal-intimata, l-intimata ġiet mitluba tippubblika is-segwenti dritt għar-risposta « ***without any alteration or comments*** *and to add a prominent link to this reply in the original article* »[3] u dan minflok id-dritt għar-risposta oriġinarjament invokata minnu permezz ta' ittra legali datata 3 ta' Mejju 2023 (Dokument JV4)[4] :-

---

[1] Email tas-26 ta' April 2023 (Dokument JV2).

[2] Email Dokument JV1, mibgħut fis-26 ta' April 2023.

[3] Enfasi tal-Qorti.

[4] Dritt għar-risposta oriġinali Dokument JV4 (ittra legali) u Dokument JV5. Dan tal-aħħar ġie rivedut u sostitwit bir-risposta Dokument 2.

*« Reference is made to the story titled 'Union leader appointed director of government company sees no conflict of interest'.*

***« Heads of both of the country's largest trade unions are on the government's payroll – MISLEADING***

*All trade union officials who are employed within the public service or a public entity can qualify to join a trade union on grounds of public policy. This opportunity is offered on the grounds that the central public administration ackonwledges thenational importance of the role for which these employees are baing released – in this case a contribution to social dialogue. Through this arrangement employees keep getting their salary for the government, even though they report to work at the respective union. Hence, according to the benchmark being adopted by The Shift News, all trade union officials across the board and not just the UHM are on the state payroll! This is very misleading and absurd on two counts. Being released on grounds of public policy does not mean that your position as a trade unionist is compromised by default. Secondly, if The Shift News deems such arrangement as being on the State payroll, all other trade union officials of the Maltese islands who are released on grounds of public policy should have featured in the story as well.*

***One senior official pointed out that you cannot run with the hare and hunt with the hounds, especially as a trade union leader – FALSE***

*This statement is completely false for the simple reason that no union official was contacted by The Shift News. Moreover, the fact that the story said that the position on the Medair Board has "absolutely nothing to do with the union" confirms the complete absence of any conflict of interest.*

***« Vella now joins the General Workers' Union President Victor Carachi, who has been earning tens of thousands of euros from the government retainers since Labour's return to power in 2013. - FALSE***

Contrary the impression being given in the story, Mr Vella has neither joined Victor Carachi within any entity nor is receiving tens of thousands of euros in return. The Shift News knows perfectly well that so far Mr Vella received €4,079 in his first year on the Medair Board. This important piece of information – which they were furnished with prior to publication as they had asked themselves for the remuneration received – was omitted from the story. This was done in an attempt to mislead the readers into believing that Mr Vella had been placed at par with Mr Carachi's package. This is completely false and tantamount to a mudslinging exercise by The Shift News.

Moreover, all remuneration received from the government boards on which Mr Vella sits in his capacity as UHM CEO, is donated to the union, meaning he relinquishes these payments. The story also tries to give the impression that UHM is somehow involved in Air Malta but is staying on the fence in view of Mr Vella's position in Medair. This is completely false as UHM has no recognition in Air Malta and is not involved whatsoever in any talks on the future of the national airline.

The Shift News is implying that Mr Vella's mentioned remuneration by the government is making of him a tongue-tied puppet. Mr Vella never refrained from criticising the government and this can be vouched for by his contribution in national protests, taking the government to court on numerous occasions together ewith taking various legal and industrial actions when the *occasion as deemed necessary."*

Illi da parti tagħha, l-intimata tikkontendi in sostanza, illi d-dritt għar-risposta invokat mir-rikorrent m'huwiex konformi mar-rekwiżiti tal-artikolu 15 tal-Kap. 579 senjatament għaliex din hija potenzjalment malafamanti u ta' natura polemikuża billi

tattribwixxilha mottivi ħżiena, kif ukoll għaliex fir-risposta l-intimat qiegħed jesprimi l-opinjoni tiegħu dwar dak li ġie pubblikat fl-artikolu.

Ikkunsidrat;

Jibda biex jingħad illi mhux kompitu tal-Qorti fi proċediment bħal dan li tistabbilixxi jekk il-pubblikazzjoni impunjata fihiex dikjarazzjonijiet foloz jew inveritieri u huwa eskluż mill-iskop tal-eżerċizzju li jrid isir għall-fini tal-artikolu 15 tal-Kap. 579 id-determinazzjoni tal-verita' jew l-interpretazzjoni tat-tifsira tal-kliem użat mill-pubblikatur u d-determinazzjoni tal-imputazzjonijiet jew implikazzjonijiet li jinsiltu minn qari tal-pubblikazzjoni impunjata, għaliex din m'hijiex kawża ta' libell taħt l-artikolu 3 tal-Kap. 579. Dak li jeħtieġ li jiġi stabbilit huwa l-jedd tal-persuna aggravata biex tmexxi 'l quddiem azzjoni taħt l-artikolu 15 tal-Kap. 579 u dan billi (i) jintwera fuq bażi *prima facie* li xi azzjoni jew xi intenzjoni tagħha ġiet miżrappreżentata jew li l-persuna ġiet malafamata jew il-ħajja privata tagħha invażа, bil-pubblikazzjoni kontestata, tant illi jeħtieġ li ssir korrezzjoni jew spjegazzjoni (ii) li saret talba għall-pubblikazzjoni ta' dritt għar-risposta entro ż-żmien imsemmi b'konformita' mal-forma u s-sostanza preskritta u (iii) din ir-risposta ma ġietx pubblikata fit-termini u jew skont kif meħtieġ mil-liġi.

Fil-każ in diżamina, ir-rikorrent jikkontendi fl-ewwel lok li l-istqarrija li tifforma parti mit-titolu tal-artikolu: « *Heads of both of the country's largest trade unions are on the government's payroll*» hija « *misleading* ».

Fir-rigward, il-Qorti tosserva illi ma jirriżultax li r-rikorrent qiegħed isejjes id-dritt għar-risposta fuq xi allegazzjoni li huwa kien il-vittma ta' malafama jew li l-ħajja privata tiegħu ġiet invażа permezz tal-pubblikazzjoni taħt skrutinju. Ir-rikorrent jikkontendi li din l-istqarrija tiżvija lill-qarrej tal-pubblikazzjoni u minn dan il-Qorti fehmet illi b'dan ir-rikorrent irid ifisser li l-istqarrija in dizamina rrappreżentat ħażin xi azzjoni jew intenzjoni tiegħu.

Iżda l-Qorti ma taqbilx li din l-istqarrija partikolari rrappreżentat ħażin xi azzjoni jew xi intenzjoni tar-rikorrent. Kif diġa' ngħad qabel, jeħtieġ qabel xejn li l-persuna aggravata turi li l-azzjonijiet tagħha jew kliemha jew l-intenzjonijiet tagħha ġew miżrappreżentanti: il-kwistjoni jekk dan l-element huwiex sodisfatt fil-każ partikolari hija waħda ta' fatt li d-deċiżjoni dwarha tispetta lill-Qorti. Fil-każ in diżamina, ir-rikorrent naqas għal kollox milli jispeċifika liem'hija dik l-azzjoni tiegħu jew intenzjoni tiegħu li ġiet miżrappreżentata fl-istqarrija in diżamina u wara li l-Qorti rat ir-risposti li pprovda r-rikorrent innifsu lil The Shift News bit-tagħrif li ġie sussegwentement ippubblikat fl-artikolu tat-30 ta' April 2023[5], tosserva li mhux talli dak li qal ir-rikorrent ma ġiex miżrappreżentat u ma hemm xejn fattwalment differenti bejn ir-risposti tiegħu u l-istqarrija kontestata, talli huwa stess jafferma fl-ewwel paragrafu tal-email Dokument JV2, li jokkupa r-rwol ta' CEO tal-UĦM u jirċievi simultanjament rimunerazzjoni mingħand il-Gvern.

Għalhekk, filwaqt li l-Qorti ma tirravviża ebda bżonn ta' korrezzjoni tal-artikolu, ma jirriżultalhiex lanqas li r-rikorrent qal jew għamel xi ħaġa li ġiet rappreżentata ħażin fl-artikolu. Dan ifisser li m'huwiex apert lir-rikorrent jinvoka d-dritt għar-risposta maħsub fl-artikolu 15 tal-Kap. 579 b'referenza għall-ewwel stqarrija fuq ċitata, għaliex ma jirriżultax li l-elementi essenzjali stabbiliti mil-liġi għall-eżerċizzju ta' dan id-dritt, jikkonkorru f'dan il-każ.

Iżda f'kull każ, lil hinn mill-konsiderazzjonijiet appena magħmulin, il-Qorti hija wkoll tal-fehma illi kif sewwa ġie sottomess mill-abbli avukat tal-intimata, l-użu tal-kelma "*misleading*" fid-dritt għar-risposta invokat mir-rikorrent imur oltre dikjarazzjoni ta' kontradizzjoni jew spjegazzjoni tal-fatti. Għall-Qorti, l-użu ta' din il-kelma fid-dritt għar-risposta mhux biss hu kapaċi jimmina l-pubblikazzjoni billi tattribwixxi lill-intimata motivi ulterjuri, iżda jsarraf sewwasew ukoll f'sottomissjoni evidenti tal-opinjoni tar-rikorrent dwar l-istqarrija in diżamina, ċioe' li l-pubblikazzjoni hi intiża

[5] Email Dokument JV1 u email Dokument JV2.

biex tiżvija lill-qarrejja – ħaġa li l-liġi tivvjeta espressament għall-fini tad-dritt għar-risposta.

Ikkunsidrat;

Illi in kwantu għat-tieni stqarrija fil-pubblikazzjoni li tinsab fil-mira tad-dritt għar-risposta tar-rikorrent, il-Qorti tqis li dan ukoll m'huwiex konformi mar-rekwiżiti tal-liġi fl-artikolu 15 tal-Kap. 579.

Ir-rikorrent irid illi l-intimata tiġi kundannata tippubblika in linea ta' dritt għar-risposta, li l-istqarrija "*Vella now joins the General Workers' Union President Victor Carachi, who has been earning tens of thousands of euros from the government retainers since Labour's return to power in 2013 »* hija falza (« *FALSE*")

Il-Qorti tibda biex tgħid illi l-fatt waħdu li l-artikolu ma rriproduċiex ukoll il-fatt, imsemmi fl-email tar-rikorrent Dok. JV2, li r-rimunerazzjoni li huwa rċieva mingħand il-Gvern għas-sena 2022 kienet fis-somma ta' €4,079, ma jfissirx neċessarjament li l-azzjonijiet jew kliemu ġew miżrappreżentati. L-intimata ma kienet taħt l-ebda obbligu li tirriproduċi bis-sħiħ ir-risposti mibgħuta lilha mir-rikorrent via email (Dok. JV2) peress li l-informazzjoni ġiet provduta fuq talba tagħha stess (Dok. JV1) biex minnha tislet it-tagħrif relevanti għall-fini tat-tfassil tal-artikolu in diżamina, u mhux in linea ta' dritt għar-risposta taħt l-artikolu 15 tal-Att.

Iżda għandu jingħad ukoll li moqrija kif imfassla, l-istqarrija fuq ċitata tista' potenzjalment tagħti l-impressjoni li r-rikorrent ukoll, bħal Victor Carachi, jirċievi għexieren ta' eluf f'rimunerazzjoni mingħand il-Gvern. Hawnhekk, għalhekk, jidher li r-rikorrent seta' raġjonevolment jasserixxi li r-risposti tiegħu għad-domandi li sarulu minn The Shift News (Dokument JV2) ġew miżrappreżentati għaliex minflok ma ġie msemmi l-fatt li huwa rċieva rimunerazzjoni ta' biss €4,079 fl-ewwel sena tiegħu fuq il-bord tad-diretturi tal-kumpannija MedAir, ġie marbut mal-President tal-GWU Victor Carachi li dwaru jintqal li jirċievi għexieren ta' eluf ta' euro mill-Gvern.

Madankollu, il-Qorti xorta waħda hi tal-fehma li d-dritt għar-risposta invokat mir-rikorrent f'dan ir-rigward m'huwiex mistħoqq. Dan qed jingħad għaliex hu ovvju li d-dikjarazzjoni formanti parti mid-dritt għar-risposta, li l-fatti rapportati huma foloz ('*FALSE*'), b'ebda qies tal-immaġinazzjoni u taħt ebda ċirkostanza tista' titqies bħala sempliċi korrezzjoni jew spjegazzjoni tal-fatti li ġew pubblikati: għall-kuntrarju, din m'hi xejn ħlief is-sottomissjoni tal-opinjoni differenti tar-rikorrent dwar il-fatti rapportatati, u fuq kollox hija wkoll potenzjalment malafamanti għall-intimata.

Imbagħad, fejn ir-rikorrent irid li jiġi pubblikat li "*Contrary to the impression being given in the story*", "*The Shift knows perfectly well...*" u "*The story tries to give the impression that UHM is somehow involved in Air Malta...*", huwa manifest li dawn id-dikjarazzjonijiet ilkoll jikkonsistu f'kummenti u f'sottomissjoni oħra tal-espressjoni tal-opinjoni tar-rikorrent dwar dak li ġie rapportat fil-pubblikazzjoni. Għall-Qorti, stqarrijiet bħal dawk appena ċitati indubbjament jeċċedu l-limiti stretti tal-forma tad-dritt għar-risposta kif maħsub fl-artikolu 15 tal-Kap. 579 għaliex b'hekk, ir-risposta ma tibqax ristretta għal dikjarazzjoni ta' kontradizzjoni jew korrezzjoni fattwali, kif meħtieġ espressament mil-leġislatur għaliex iġġiegħel lill-qarrej jifhem li l-pubblikatur mhux biss kien żbaljat fattwalment fil-pubblikazzjoni, iżda li dan għamlu wkoll deliberatament biex jipprova jiżvija lill-qarrejja u biex jippreġudika l-pożizzjoni tar-rikorrent. Għaldaqstant, imfassla kif inhi, ir-risposta li r-rikorrent jitlob li tiġi pubblikata bħala dritt għar-risposta, tikkostitwixxi attakk fuq l-intenzjonijiet tal-pubblikatur u għalhekk ma jistħoqqilhiex il-protezzjoni mogħtija mil-liġi taħt l-artikolu 15 tal-Kap. 579.

Ikkunsidrat;

Illi kollox magħdud ifisser li l-kontenut tad-dritt għar-risposta tar-rikorrent, kif riprodott f'Dokument 2, m'huwiex konformi mar-rekwiżiti tal-artikolu 15 tal-Kap. 579, bil-korollarju neċessarju li r-rifjut tal-intimata illi tippubblika d-dritt ta' risposta mitlub mir-rikorrent, hu ġustifikat fiċ-ċirkostanzi. Għaldaqstant, billi r-rikorrent

insista li jiġi ppubblikat risposta b'kontenut li evidentement imur lil hinn minn dak permess mil-liġi, il-Qorti tqis illi d-dritt tar-risposta mitlub mir-rikorrent m'ghandux jiġi ppubblikat mill-intimat.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti filwaqt li qed tilqa' l-ewwel talba, qiegħda tiċħad it-talbiet l-ohra kollha tar-rikorrent fir-Rikors tiegħu tad-19 ta' Mejju 2023.**

**L-ispejjez ta' dan il-procediment jithallsu mir-rikorrent.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**